**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Rik. Nru. 1057/16JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1406/16 fl-ismijiet:

Vera Maria **SANT FOURNIER**

vs

**VALLETTA BOUTIQUE LIVING LIMITED** (C – 56012)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija sekwestrata eżekutata Valletta Boutique Living Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutata") fit-18 ta' Novembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet (a) li l-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontriha fuq talba tal-intimata eżekutanti Vera Maria Sant Fournier (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutanti"), għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu

12 tal-Liġijiet ta' Malta u (b) li l-Qorti tikkundanna lill-istess eżekutanti għall-ħlas ta' penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b) u (ċ) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Novembru, 2016, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutanti u tatha żmien biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha għat-talbiet tar-rikorrenti eżekutata;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fil-5 ta' Diċembru, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissrin, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutata billi qalet li la hemm raġunijiet għalfejn il-Mandat għandu jitħassar u lanqas biex il-Qorti timponi kontriha l-penali talli talbet il-ħruġ tal-Mandat. Madankollu, hija qablet li, fid-dawl ta' ċirkostanzi li seħħew wara li nħareġ il-Mandat, hemm raġunijiet għalfejn il-kreditu minnha pretiż fl-istess Mandat jitnaqqas b'għaxart elef euro (€ 10,000);

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dak li joħroġ mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti eżekutata qiegħda titlob it-tneħħija minn fuqha għal kollox tal-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontriha mill-eżekutanti. Hija qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti għall-ħlas ta' penali;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutata fit-28 ta' Settembru, 2016. Il-Mandat inħareġ dwar pretensjoni ta' kreditu ta' erba' u għoxrin elf euro (€ 24,000) bħala "*somma rappreżentanti xogħolijiet, għamara u prodotti u oġġetti oħra ordnati u jew mixtrija a karigu tas-soċjeta' sekwestrata*". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil ħames (5) sekwestratarji, ilkoll kemm huma banek kummerċjali. Dakinhar li nħareġ il-Mandat, l-eżekutanti fetħet kawża kontra l-eżekutata[1] li fiha qiegħda

[1] Rik. Nru. 864/2016JRM (imħolli għall-kontinwazzjoni għas-17.1.2017)

titlob il-ħlas ta' bilanċ ta' xogħol lilha appaltat mill-eżekutata flimkien mal-likwidazzjoni tad-danni;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ, mir-rikors jidher li l-eżekutata tibni t-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat fuq il-kawżali maħsuba taħt l-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12. Matul il-kors tal-istess rikors. Kif ingħad, tressaq ukoll talba għall-kundanna tal-ħlas ta' penali taħt l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Illi għar-rigward tal-ewwel kawżali:

L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)];

L-eżekutata tibni din il-kawżali (bħalma jidher li tibni l-mottiv kollu tat-talbiet tagħħa f'din il-proċedura) fuq l-argument li jekk wieħed iqabbel l-ammont kollu miftiehem fl-appalt ma' dak li l-eżekutanti tħallset diġa', għandu jidher mill-ewwel li l-ammont tal-kreditu mħares bil-Mandat jaqbeż kull bilanċ li l-eżekutanti kien jistħoqqilha titlob li kieku l-appalt temmitu u xogħolha għamlitu sewwa. F'dan ir-rigward, l-eżekutata ssemmi ċifri u ammonti ta' ħlasijiet li hija tgħid li għamlet lill-eżekutanti sa qabel ma nħareġ il-Mandat biex turi kemm huwa minnu li l-bilanċ li jista' jkun għadu dovut lill-eżekutanti (jekk tassew għad fadlilha x'titħallas) huwa wisq anqas minn dak li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Mandat;

Illi, min-naħa tagħha, l-eżekutanti twarrab dan l-argument billi, l-ewwel nett, tmieri l-fatti kif tfissirhom l-eżekutata, u, fit-tieni lok, billi tikkontesta li l-bilanċ dovut hu dak imsemmi mill-eżekutata. Biex issaħħaħ dan, hija semmi li dwar il-bilanċ li għad fadal x'jitħallas taħt l-appalt – jiġifieri lil hinn mill-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni – kien hemm qbil mill-partijiet kollha qabel ma nħareġ il-Mandat;

Illi l-Qorti tasal biex taqbel mal-eżekutanti f'dan ir-rigward għaliex il-kwestjoni ta' x'inhuma ċ-ċirkostanzi li taħthom intemm l-appalt u jekk kienx għad hemm pendenzi bejn il-partijiet, ma jolqtux is-siwi tal-Mandat bħala tali, imma huma kwestjonijiet din il-Qorti għad trid tistħarriġhom wara li jitressqu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet meħtieġa li l-partijiet jidhrilhom li għandhom iġibu 'l quddiem fil-mertu. Mill-atti tal-kawża nnifisha, mbagħad, hemm il-fatt li dawn il-kwestjonijiet jifformaw

kontestazzjoni proċedurali saħansitra b'azzjoni rikonvenzjonali min-naħa tal-eżekutata, li juru li l-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tal-*prima facie* tgħid li l-pretensjonijiet tal-eżekutanti huma fiergħa mad-daqqa t'għajn jew eżaġerati;

Illi kif kellha okkażjoni tgħid bosta drabi oħrajn, il-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[2];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[3];

Illi l-Qorti mhijiex f'qagħda li tgħid minn issa jekk dan huwiex minnu jew le, għaliex, kif ingħad qabel, din hija ħaġa li trid tirriżulta mill-provi li 'l quddiem il-partijiet huma mistennija li jressqu quddiem din il-Qorti waqt is-smigħ tal-kawża;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutata tatha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-

---

[2] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[3] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma fil-kawżali ta' qabel mill-eżekutata;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti hija u tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti ma għandhiex jedd għall-ħlas fl-ammont minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat meta ntalab il-ħruġ tiegħu. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[4]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimata eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[5]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa ma għadux il-każ;

Illi minn dak li ħareġ fin-Nota mressqa mill-eżekutanti nnifisha, jidher, madankollu, li wara l-ħruġ tal-Mandat, ġraw ħwejjeġ li bis-saħħa tagħhom il-pretensjonijiet tal-istess eżekutata dwar id-danni mġarrba (li hija tqishom fis-somma ta' għaxart elef euro) jidher li tneħħew. Fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl ta' din l-istqarrija lejali tal-istess eżekutanti, hawnhekk tqum iċ-ċirkostanza maħsuba mil-liġi dwar bidla li tkun ġrat wara l-ħruġ tal-Mandat li tiġġustifika, mhux it-tħassir tal-Mandat, daqskemm it-tnaqqis tal-ammont kawtelat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal biex tilqa' t-talba tal-eżekutata taħt din il-kawżali billi sejra tnaqqas l-ammont kawtelat bil-Mandat, imma mhux it-tħassir għal kollox tiegħu;

---

[4] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[5] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

Illi, kif ingħad, ir-rikorrenti eżekutata talbet ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[6];

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[7], iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[8]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[9];

Illi f'dan il-każ, fit-tieni parti tat-talba tagħha, ir-rikorrenti eżekutata tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(b) u tal-artikolu 836(8)(ċ) tal-Kap 12;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[10], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutata ma wrietx kif il-Qorti tista' tasal biex timponi l-penali fuq l-eżekutanti taħt din ir-raġuni. Minbarra li ma

---

[6] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[7] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[8] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[9] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et***
[10] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

ssemmix x'inhi r-raġuni, ħareġ li l-eżekutanti ma kenitx naqset milli titlob lill-eżekutata l-ħlasijiet lilha dovuti. Fin-Nota tagħha[11], l-eżekutanti tgħid li kienet talbet il-ħlas u heddet lill-uffiċjali tal-kumpannija eżekutata li sejra tmexxi bil-Qorti. Hekk għamlet tabilħaqq għaliex il-Mandat talbet il-ħruġ tiegħu kontestwalment mal-ftuħ tal-kawża, li tikkostitwixxi l-interpellanza l-aktar uffiċjali possibbli tal-pretensjonijiet tal-eżekutanti;

Illi fil-fehma tal-Qorti, ma jirriżultawx l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali taħt din il-kawżali;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti eżekutata ma ressqet l-ebda ħjiel ta' prova jew argument li minnhom l-eżekutanti ntwera li messha ma kellha l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tal-istess eżekutata. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, il-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. Għall-kuntrarju, jekk il-Qorti kellha toqgħod fuq is-sottomissjonijiet infushom tal-eżekutanti, issib li l-istess eżekutata kienet tħallasha wara ż-żmien u bil-qtigħ il-qalb;

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat (għalkemm sabet raġuni għat-tnqqis tal-ammont kawtelat) u li l-intimata eżekutanti kellha u għad għandha raġunijiet tajbin biżżejjed biex titlob il-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ bla jedd, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti eżekutata;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[12]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[13];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[11] Paġ. 14 tal-atti
[12] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[13] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba** tar-rikorrenti eżekutata, billi tnaqqas l-ammont tas-somma kawtelata bil-Mandat imsemmi sal-ammont ta' erbatax-il elf euro (€ 14,000), imma tħalli l-istess Mandat fis-seħħ għall-bqija;

**Tiċħad it-tieni talba** tal-eżekutata billi ma jeżistux l-elementi biex il-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti għall-ħlas tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat; u

**Tordna** li l-**ispejjeż** ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, il-Gimgha s-6 ta' Jannar, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

Komunika: Dr. Michael Grech LL.D. – għar-rikorrenti eżekutata
Dr. Kris Borġ LL.D. – għall-intimata eżekutanti

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)